# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

### GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.

### SEDUTA TA' NHAR IL- GIMGHA 15 TA' JANNAR, 2002

**Avviz Nru: 437/01 AJD**

**Josephine Smeets**

**vs**

**Link School of Languages Ltd.**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Gunju, 2001, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attrici s-somma ta' mitejn u disa' lirai Maltin (Lm209.00), in kwantu ghal mija u erbghin lira Maltin (Lm140.00) ghas-'single room half board' ipprovdut mill-attrici lil Lioudmila Pchenitchnikova bejn it-28 ta' Lulju u l-25 ta' Awissu, 2000, u l-hlas ta' disgha u sittin lira Maltin (Lm69.00) ghal 'double room half board' ipprovdut mill-attrici lil Angeli Hathem bejn is-7 ta' Settembru u t-23 ta' Settembru, 2000, fiz-zewg kazi fuq ordni u ghas-spejjez tas-socjeta' konvenuta.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji, u bl-imghax sal-gurnata tal-pagament, kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:-

1. Illi s-servizzi provduti mill-attrici ma kienux tal-livell u kwalita' pattwita u infatti l-attrici ma onoratx l-obbligazzjonijiet kontrattwali minnha pattwiti u assunti.

2. Ghaldaqstant it-talbiet kollha tal-attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess attrici.

Sema' x-xhieda tal-attrici u ta' Roger De Gaetano. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

1. Illi l-attrici qed titlob il-kundanna ghall-hlas tas-socjeta' konvenuta fl-ammont ta' mitejn u disa' liri Maltin (Lm209.00) bhala prezz ta' servizzji rezi minnha lis-socjeta' konvenuta konsistenti f'akkomodazzjoni 'half board' li l-attrici provdiet lil zewg studenti, Lioudmila Pchenitchnikova u Angeli Hathem, mibghuta ghandha mis-socjeta' konvenuta.

2. Illi s-socjeta' konvenuta issostni li s-servizz provdut mill-attrici ma kienx tal-livell u kwalita' patwita.

3. Illi l-attrici rnexxielha tipprova li hija effettivament irrendiet is-servizzji li ghalihom qed titlob il-hlas minghand is-socjeta' konvenuta u Roger De Gaetano, ir-rapprezentant tal-istess socjeta' konvenuta ikkonferma li s-servizz inghata izda zied jghid li z-zewg studenti lmentaw mill-kwalita' tal-ikel u tal-akkomodazzjoni provduta mill-attrici. Wahda mill-istudenti rrifjutat li thallas lis-socjeta' konvenuta ghas-servizz provdut u l-istudent l-iehor effetwa l-hlas, izda s-socjeta' konvenuta kellha tofri kumpens billi tikkoncedilu gimgha bla hlas is-sena ta' wara.

4. Illi l-unika prova li ressqet is-socjeta' konvenuta dwar l-allegat servizz inadegwat provdut mill-attrici huwa d-dokument esibit a. fol. 34 u 35 tal-process, liema document jikkonsisti fi 'questionnaire' mimli minn Lioudmila Pchenitchnikova fejn ghad-domanda "How would you rate your accommodaton?", din irrispondiet "Dirty, not good".

5. Illi fil-fehma tat-Tribunal, is-socjeta' konvenuta ma rnexiliex tipprova soddisfacentement li s-servizz provdut mill-attrici kien inadegwat, li hija rceviet ilmenti miz-zewg studenti, u li hija effettivament ma thallsitx mill-istess studenti u li hija kellha tikkoncedi gimgha bla hlas lil wiehed minnhom. Ma kienx hemm bzonn li s-socjeta' konvenuta ggib dawn l-istudenti minn barra sabiex jixhdu, izda s-socjeta' konvenuta setghet talbet lill-istudenti jaghmlu dikjarazzjoni guramentata qabel ma telqu minn Malta, jew tal-anqas talbithom dikjarazzjoni bil-miktub.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta' Mitejn u disa' liri Maltin (Lm209.00) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza jithallsu interament mis-socjeta' konvenuta skond il-ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**